



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/2086(INI)

29.5.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar ir-restrizzjonijiet tas-sajd u l-ibħra ġurisdizzjonali fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed – mezzi għar-risoluzzjoni tal-kunflitti (2011/2086(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Joly

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi fil-pajjiżi li jinsabu fil-fażi tal-iżvilupp, is-sajd huwa kemm settur li joħloq il-ġid u l-impjiegi kif ukoll sors ta' proteini għall-popolazzjoni;
1. Jinnota li l-kunflitti dwar iż-żoni marittimi jqumu l-aktar minħabba l-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar li jkunu saru limitati, jew saħansitra rari, speċjalment minħabba li parti minnhom tkun ġiet sfruttata żżejjed u ntużat b'mod mhux sostenibbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed; jenfasizza li għal numru ta' pajjiżi kostali li jinsabu fil-fażi tal-iżvilupp, ir-riżorsi tal-baħar jikkostitwixxu bażi fundamentali għall-iżvilupp futur tagħhom u għas-sigurtà tal-ikel tagħhom;
 2. Jenfasizza li r-riżoluzzjoni tal-kunflitti li jikkonċernaw id-delimitazzjoni tal-fruntieri marittimi u l-ħolqien ta' żoni marittimi jridu jsiru f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, abbażi tal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali, it-trasparenza, l-ugwaljanza u l-ġustizzja, filwaqt li jiġu żgurati s-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-baħar u l-protezzjoni tal-ekosistemi, speċjalment bis-saħħa tar-rispett għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar u b'mod partikolari għall-Artikolu 62 tagħha;
 3. Iqis li l-organizzazzjonijiet reġjonali fil-qasam tal-ġestjoni tas-sajd, u b'mod partikolari l-Kunsill Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran, jikkostitwixxu qafas xieraq għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta' kompetenza u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd; jistieden, għalhekk, lill-Istati kostali u lil daww l-Istati li jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed biex jiffavorixxu dan il-qafas ta' diskussjoni;
 4. Jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tkompli tappoġġa lill-pajjiżi kostali li jinsabu fil-fażi tal-iżvilupp sabiex jistabbilixxu pjanijiet ta' ġestjoni sostenibbli tas-sajd fl-ibħra ġurisdizzjonali tagħhom u sabiex jikkumbattu b'mod effikaċi s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat;
 5. Jitlob li jiġi adottat qafas strateġiku fuq perjodu twil għall-kooperazzjoni xjentifika fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, b'tali mod li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka dwar il-baħar, inkluż l-iskambju ta' data u informazzjoni xjentifiċi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.5.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Corina Crețu, Véronique De Keyser, Charles Goerens, Mikael Gustafsson, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Andreas Pitsillides, Maurice Ponga, Jean Roatta, Alf Svensson, Keith Taylor, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philippe Boulland, Emer Costello, Isabella Lövin, Cristian Dan Preda, Patrizia Toia